# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 11 ta' Lulju 2023

## Talba numru 286/2020SFJ

**MARIA MIFSUD**
**(256590M)**

**vs.**

**LIFESTAR INSURANCE**
**(C29086)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fis-17 ta' Novembru 2020 li permezz tiegħu l-attriċi talbet li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallasha s-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000) rappreżentanti *allowances* u kummissjonijiet għal *realised business* dovuti lilha għall-perjodu li fih l-attriċi kienet tagħti s-servizzi tagħha lill-konvenuta;

Ra r-risposta tal-konvenuta ppreżentata fit-28 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha ċaħdet it-talbiet tal-attriċi sal-ammont ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) u żiedet tgħid li hija offriet l-ammont ta' seba' mitt Ewro (€700) lill-attriċi iżda din irrifjutat dak l-ammont;

Ra l-kontrotalba tal-konvenuta ppreżentata fit-28 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha talbet li l-attriċi rikonvenzjonata tkun ikkundannata tħallasha s-somma ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) rappreżentanti ħlas għal taħriġ għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2019 kif ukoll ħlas rigward il-miżata tal-liċenzja mħallsa lill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji;

Ra r-risposta tal-attriċi rikonvenzjonata għall-kontrotalba tal-konvenuta rikonvenzjonanti li permezz tagħha eċċepiet li l-Kontrotalba kienet merament eżerċizzju ta' *arm-twisting* filwaqt li eċċepiet li t-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt;

Sema' ix-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-11 ta' Lulju 2023.

## Provi mressqa

**Maria Mifsud**, preżentat affidavit li fih spjegat li applikat sabiex taħdem mas-soċjetà konvenuta bħala *tied insurance intermediary* (minn issa 'l quddiem "TII"). Hija ddeskriviet dak li ntqal lilha fl-intervista li saret, fosthom li x-xogħol kien *self-employment* biss kien ikollha dħul ta' €1,000 fix-xahar garantita u mbagħad, ħlas ta' *commissions*. L-attriċi spjegat li s-soċjetà konvenuta (minn issa 'l quddiem "Lifestar") wegħditha taħriġ professjonali u mbagħad, wara li jintemm it-taħriġ, Lifestar tapplikalha għal liċenzja sabiex tkun irreġistrata mal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji bħala TII. Hija qalet ukoll li ma kien hemm ebda kuntratt iffirmat bejn il-partijiet.

Hija kompliet tispjega li sa mill-ewwel jum, tant kien hemm xogħol xi jsir li Lifestar bilkemm kellha ħin għat-taħriġ u diversi *training sessions* intilfu. Hija qalet li bejn Novembru 2019 u Frar 2020 ħadmet kontinwament, u sigħat twal. Kulma attendiet kienu ħames sessjonijiet taħriġ dwar il-prodotti li Lifestar kienet toffri. Hija spjegat li għad li fil-bidu kienet imwiegħda *mentoring* minn Conan Caruana, li kien *team leader,* dan il-*mentoring* sar ftit li xejn minħabba l-impenji konsiderevoli tiegħu. Hija qalet li Caruana qalilha li hi kienet taf il-prodotti sewwa u setgħet titkellem mal-klijenti waħedha għad li kienet għada bla liċenzja ta' TII. Hija qalet ukoll li minbarra dan ix-xogħol normali, kienet assenjata wkoll xogħol f'dipartiment ieħor li kien jinvolvi li tieħu ħsieb *orphan clients*, jiġifieri klijenti li l-aġenti li kienu jieħdu ħsiebhom kienu telqu u allura dawk il-klijenti kienu baqgħu mingħajr persuna inkarigata minnhom.

Ġie spjegat li f'Jannar 2020 Lifestar qalbet l-istruttura finanzjarja u kulħadd ġie allokat skala ta' dħul skont is-*sales target* assenjat lilu mis-sena preċedenti. Hija qalet li t-*targets* tagħha ġew iffissati minn Conan Caruana, li ffissalha *target* ta' €50,000 f'*sales* sal-aħħar tas-sena. Mifsud spjegat li maż-żmien, bdiet tintebaħ li l-ambjent lavorattiv ma kienx ideali billi l-ħaddiema kienu anzjużi u kull darba li staqsiet għal xi għajnuna biex tifhem xi ħaġa aktar fil-fond, ħadd ma kellu ċans għaliha. Hija qalet li kienet tispiċċa taħdem sigħat twal fuq bażi *trial and error*. Wara tlett xhur kienet għadha qed titħarreġ u Lifestar wegħditha li eventwalment kienet ser tagħmel l-eżami biex issir TII u mbagħad tapplika sabiex tikseb liċenzja. Hija spjegat li dan kien urġenti għaliha billi sakemm damet bla liċenzja, kienet qed tiddependi fuq persuni li kellhom liċenzja u kienet qed titlef klijenti u anki dħul. Fi Frar 2020, hija għamlet erba' eżamijiet u marret tajjeb. Wara li ħarġu r-riżultati, Joseph Vella, *manager* fi ħdan Lifestar, talabha d-dokumenti neċessarji sabiex din tapplikalha biex tikseb liċenzja u hi għaddietlu d-dokumenti neċessarji minnufih. Ġara, iżda, li f'Mejju 2020 Lifestar reġgħet talbitha d-dokumenti billi mid-dehra d-dokumenti li kienet ipprovdiet xhur qabel kienu ntilfu. Hija qalet li f'Mejju 2020 talbet li tieħu ġimgħa *leave,* u t-talba ntlaqgħet. Madankollu, ċertu Chris Chetcuti, ħaddiem ieħor fi ħdan Lifestar, qalilha li jekk riedet tieħu aktar *leave* kellha tesebixxi ċertifikat mediku. Hija ma tantx ħadet gost billi hija suppost kienet *self-employed* u allura setgħet tieħu *leave* kemm trid. Hija qalet li rriżenjat fil-5 ta' Ġunju

2020 u spjegat li Lifestar kienet qed tirrifjuta li tgħaddilha flejjes dovuti lilha kif ukoll is-somma ta' €3,000 li kienu paga għal Mejju 2020 u *bonus* għal *realised business*.

Finalment, hija spjegat li f'korrispondenza li saret fis-17 ta' Ġunju 2020, Lifestar infurmatha li s-somma dovuta lilha kienet ta' €700 għaliex skontha, billi hija rriżenjat kellha tirrifondihom is-somma ta' €2,300 rappreżentanti spejjeż inkorsi minn Lifestar għal taħriġ u miżati ta' reġistrazzjoni mar-regolatur. L-attriċi spjegat ukoll li ħadd ma qalilha li jekk tirriżenja ser ikollha tagħti flus lura lil Lifestar.

In kontro-eżami, l-attriċi kkonfermat li f'ebda waħda mill-*interviews* ma ġie spjegat lilha li jekk tieqaf mill-pożizzjoni ta' TII qabel tgħaddi sena, hija jkollha tirrifondi lil Lifestar elfejn Ewro (€2,000) għat-taħriġ u s-somma ta' tlett mitt Ewro (€300.00) għall-applikazzjoni biex tikseb liċenzja mingħand ir-regolatur. Hija qalet li ma kienx il-każ li ma kinitx tiftakar jekk dan kienx intqal lilha, iżda kienet qed tgħid ċar u tond li diskors bħal dak ma sar qatt.

Imbagħad, ix-xhud għaddiet sabiex tikkonferma l-kontenut tad-dokument JV1 li kien jindika li kienet ħadet erbgħin siegħa taħriġ mingħand Lifestar.

L-attriċi ċaħdet li r-raġuni li għaliha qatt ma sar il-*mentoring* mingħand Conan Caruana kienet li hi kienet irriżenjat.

Meta x-xhud ġiet mitluba tispjega l-ambjent tal-uffiċċju, hija qalet speċifikament li t-*team leader* tagħha kien ikun ferm anzjuż u saħansitra kien jgħid li jieħu xi pilloli għall-ansjetà, kien dejjem impenjat u kien jaqtagħlha fil-qasir meta jkollha klijent potenzjali u tiġi biex tagħlaq il-bejgħ.

Dwar il-liċenzja, ix-xhud spjegat li fl-intervisti, id-diriġenti ta' Lifestar kienu qalulha li xahar wara li tkun għaddiet mill-eżamijiet meħtieġa, kienu ser japplikawlha għall-liċenzja u tibda taħdem waħedha. Hija qalet li fil-verità, għamlet diversi xhur taħdem waħedha fuq skrivanija fuq bażi *trial and error*.

Ix-xhud imbagħad spjegat li għalkemm kien jinkombi fuqha li tgħaddi mill-eżamijiet – ħaġa li hija għamlet – kien jinkombi fuq Lifestar li hekk kif tagħtihom id-dokumenti, japplikawlha minnufih. Hija qalet li madankollu, Lifestar talbitha d-dokumenti mhux xahar wara l-eżamijiet, kif kien imwiegħed lilha. Hija żiedet li hekk kif ġiet mitluba xi dokumenti, tathomlhom minnufih, u wara xi xahar u nofs li matulha baqgħet bla liċenzja, reġgħet marret tkellem lil Chris Chetcuti u lil Conan Caruana, u dawn ma setgħux isibu d-dokumenti, u reġgħu talbuhomlha.

Dwar il-*commission* u l-*allowances,* ix-xhud spjegat li l-*commission* kienet tinħadem fuq il-perjodu tat-tlett xhur ta' qabel, u għalhekk l-ammont fiss li tkun qalgħet f'Ġunju ma jkollu xejn x'jaqsam max-xogħol li jkun sar f'dak ix-xahar.

**Josef Cassar**, *sales manager* fi ħdan Lifestar, xehed u spjega li kien jaf lill-attriċi bħala TII. Qal li x-xogħol tagħha kien jinvolvi li ċċempel lill-klijenti, tagħtihom l-appuntamenti, u "*tagħlaq ix-xogħol.*" Huwa ma setax jiftakar kemm l-attriċi damet taħdem ma' Lifestar, iżda kkonferma li biex wieħed isir TII kellu jgħaddi minn perjodu ta' taħriġ, jgħaddi minn xi eżamijiet u jikseb il-liċenzja relattiva. Mistoqsi dwar l-ingaġġ tal-attriċi, huwa qal li l-*agreements* għal min jaħdem bħala TII kienu kollha l-istess. Dwar il-pakkett finanzjarju, Cassar qal li jekk persuna titlaq fl-ewwel sena mill-ksib tal-liċenzja, kellha tħallas l-arretrati kollha, jiġifieri x-xaħar tat-taħriġ, il-*prospecting month,* u l-miżata mħallsa lir-regolatur għall-ksib tal-liċenzja. Meta ġie mistoqsi kienx hemm

ftehim bil-miktub, Cassar qal li dan kollu jkun spjegat matul l-ewwel intervista, matul it-tieni intervista, u anki matul l-*intake* tal-ħaddiema ġodda. Dwar jekk kienx hemm ftehim bil-miktub, Cassar qal li affarijiet bħal dawk ma kinux responsabilità tiegħu. Cassar spjega li s-*sales* kollha li jsiru kienu rreġistrati f'sistema u kkonferma li kull TII kellha *targets* stabbiliti li kellha tilħaq.

Cassar kompla jispjega li l-proċess sabiex persuna tikseb liċenzja bħala TII kien jinvolvi xahar taħriġ, imbagħad *prospecting month* li kien essenzjalment xahar ta' *field training*, u eżamijiet li wieħed kellu jgħaddi minnhom. Wara dan, issir applikazzjoni mar-regolatur. Cassar enfasizza li l-applikazzjoni mal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji ma kinitx xi ħaġa li jieħu ħsieb hu. Huwa qal li l-ewwel xahar ta' taħriġ kien isir minn Joseph Vella.

Ix-xhud qal li l-attriċi kellha *allowance* ta' €1,000 fix-xahar li ma kienx parti mill-ħlas li rċeviet għax-xahar taħriġ u għall-*prospecting month*. Huwa qal li wara xahrejn, persuna kellha tagħżel liema pakkett finanzjarju riedet, u spjega li mal-attriċi kien hemm ftehim ulterjuri li hi kellha taħdem ma' żewġ timijiet separati fi ħdan Lifestar, u tax-xogħol addizzjonali kienet tieħu €1,000 oħra fix-xahar. Huwa qal li l-ħlasijiet kienu bbażati fuq jekk wieħed jilħaqx it-*targets* jew le. L-*allowance* kienet titħallas bil-quddiem, u jekk persuna ma tilħaqx it-*target*, forsi tingħata xahar jew xahrejn żmien aktar, u jekk it-*target* xorta ma jintlaħaqx, il-kwistjoni tmur għand il-*head of sales* li jiddeċiedi x'ser jiġri. Huwa qal li normalment, l-*allowance* kien ikollha titħallas lura lil Lifestar jekk ma jintlaħaqx it-*target*.

Ix-xhud ippreżenta dokument JC1 (fol. 50 u 51) li jindika li l-attriċi tħallset *base amounts* ta' €1,000 għal Novembru 2019 u total ta' *base amounts* ta' €10,716 minn Diċembru 2019 sa April 2020. It-Tribunal hawn josserva li għalkemm l-ammonti relattivi kollha kienu jinsabu fil-kolonna intestata "*Base Amount*", id-deskrizzjoni tal-ħlas fil-kolonna intestata "*Description*" hija "*Comm Payment*". B'riżultat ta' dan, it-Tribunal mhuwiex ċert jekk dawn l-ammonti humiex id-dħul bażiku garantit ta' kull xahar jew xi ammont li jiddependi fuq is-*sales* li tkun għamlet il-persuna. Ma jistax ikun li l-istess ammont ikun kemm id-dħul fiss garantit u anki d-dħul li jiddependi fuq kemm persuna tilħaq is-*sales targets* iffissati għaliha.

Jirriżulta lit-Tribunal ukoll li l-kontenut tad-dokument JC2 (fol. 52) mhuwiex kompletament korrett stante li ma jirriżultax li l-ammont ta' €10,716 tħallas minn Lifestar lill-attriċi matul is-sena 2020. Fil-fatt, skont dokument JC1, l-ammont ta' €10,716 ikopri anki dak li tħallas minn Lifestar lill-attriċi matul Diċembru 2019.

**Chris Chetcuti**, *head of sales* fi ħdan Lifestar, qal li huwa għamel it-tieni intervista lill-attriċi u li kienet taħdem fid-dipartiment tiegħu. Meta kien mistoqsi dwar l-arranġamenti finanzjarji, huwa spjega li kull persuna li taħdem ma' Lifestar kienet taħdem fuq bażi ta' *commission,* u li s-sena li daħlet magħhom l-attriċi nzertat is-sena li Lifestar qalbet minn bażi ta' *commission* għal bażi ta' *allowance*. Huwa qal li l-*allowance* tal-attriċi kienet ta' €1,000 fix-xahar u li jekk persuna tilħaq ċertu ammont ta' *sales* kienet tieħu *bonuses*. Ix-xhud ġie muri *e-mails* a fol. 33 u 34 tal-proċess u kkonferma li Lifestar kellha tagħti lill-attriċi €700.

Meta ġie mistoqsi kif ġie stabbilit li l-attriċi kellha tirrifondi lil Lifestar il-ħlas tat-taħriġ, Chetcuti spjega l-istruttura tat-taħriġ, fosthom xahar *classroom training* fejn persuna titħallas €1,000 imbagħad *prospecting month* fejn il-persuni tiltaqa' mal-klijenti iżda tkun akkumpanjata minn TII liċenzjat. Huwa qal li wara l-ewwel xahar (jiġifieri l-*classroom training*), Lifestar tapplika f'isem il-persuna għal liċenzja biex il-persuna ssir TII liċenzjata, u l-miżata tal-liċenzja kienet tvarja bejn

€300 u €600. Huwa sostna li jekk persuna titlaq f'sena wara li tkun illiċenzjata kellha tirritorna l-flus imħallsin lilha tax-xahrejn taħriġ u l-miżata tal-liċenzja. Chetcuti qal li dan kollu, inkluż l-obbligu tar-rifużjoni kif deskritt, jintqal lill-persuna rreklutata matul l-intervisti li jkunu saru u allura kien arranġament bil-fomm. Chetcuti spjega li minn meta Lifestar qalbet minn *commission basis* għal sistema ta' *allowances*, bdew isiru kuntratti bil-miktub ma' rekluti ġodda. Huwa kkonferma li mal-attriċi ma sar ebda kuntratt bil-miktub. Dwar il-liċenzja, Chetcuti qal li l-liċenzja tal-attriċi laħqet ħarġet mingħand ir-regolatur iżda billi laħqet irriżenjat, kellha tkun irritornata lir-regolatur.

F'seduta oħra, Chetcuti xehed li l-attriċi kellha żewġ *allowances* ta' €1,000 fix-xahar billi kienet taħdem ma' żewġ dipartimenti differenti ta' Lifestar. Huwa qal li meta l-attriċi rriżenjat, fil-5 ta' Ġunju 2020, ma kinitx laħqet it-*target* għal dak il-*quarter* iżda xorta tħallset l-ammont ta' €3,000 daqslikieku laħqet it-*target*. Lifestar ikkalkulat li l-attriċi kellha tirrifondiha €2,000 (jiġifieri l-*allowance* ta' €1,000 fix-xahar rappreżentanti xahrejn taħriġ) u €300 li Lifestar nefqet għaliha biex tapplikalha biex tikseb liċenzja. F'dan l-istadju, Chetcuti insista li kien hemm ftehim bil-miktub iżda dan il-ftehim bil-miktub ma sarx mal-attriċi. Fir-rigward tal-attriċi, hi kienet ġiet avżata verbalment b'dan matul l-intervisti.

**Conan Caruana**, impjegat ieħor ta' Lifestar, xehed li l-attriċi kienet persuna li rrekluta huwa stess lejn l-aħħar tas-sena 2019. Huwa qal li jekk huwa jirrekluta lil xi ħadd, imexxi l-ewwel intervista hu stess, imbagħad issir laqgħa mas-*sales manager* u mbagħad intervista oħra mal-*head of sales*. Huwa xehed li l-attriċi bdiet b'pakkett finanzjarju bħal kulħadd, jiġifieri *allowance* ta' €1,000 fix-xahar iġġenerata eventwalment f'*commissions*, bil-*bonuses* miżjuda. Huwa qal ukoll li billi kienet taħdem anki fid-dipartiment tiegħu, kellha *allowance* ulterjuri. Dan kien ifisser li effettivament kellha €2,000 fix-xahar bħala *allowances* li joħorġu minn xogħol tagħha f'żewġ dipartimenti ta' Lifestar.

Dwar it-taħriġ, Caruana qal li kien hemm kors intern immexxi mis-*sales manager* u mbagħad erba' eżamijiet. Matul il-perjodu tat-taħriġ, il-persuna kienet titħallas €1,000 fix-xahar. Caruana xehed li hu personalment ma kienx jaf l-ammonti li tħallsu lill-attriċi għax dik il-materja kienet responsabilità tad-dipartiment tal-finanzi ta' Lifestar, mhux responsabilità tiegħu. Meta ġie mistoqsi dwar it-*targets*, Caruana qal li t-*targets* huma parti mill-kuntratt u kienu kkalibrati skont l-*allowance* li tkun ser tingħatalha. Huwa qal li sa fejn kien jaf hu, l-attriċi ma laħqitx ħadet liċenzja. Meta ġie mistoqsi jekk l-attriċi kinitx toħroġ tiltaqa' mal-klijenti, Caruana spjega li ġieli akkumpanjat lilu, ġieli lill-*assistant team leader*, u ġieli anki mas-*sales manager*, ċertu Zdenjik Tabone. Billi ma kinitx illiċenzjata, ma setgħetx toħroġ waħedha.

In kontro-eżami, Caruana spjega dak li ġara matul l-intervisti inizjali u qal eżattament dak li kien spjega lill-attriċi. Huwa qal li kien spjegalha li jekk titlaq entro sena minn meta tidħol magħhom kellha tħallashom għall-ewwel xahrejn tal-*induction* u tal-perjodu sakemm tkun ġabet il-liċenzja kif ukoll il-miżata tal-liċenzja. Huwa qal li ma kienx jaf jekk laħqitx ħarġet il-liċenzja tal-attriċi.

**Zdenjik Tabone** xehed li kien *assistant team leader* fi ħdan Lifestar u kkonferma li l-attriċi ġieli akkumpanjatu matul laqgħat ma' klijenti bħala parti mit-taħriġ tagħha. Huwa qal li billi ma kellhiex liċenzja, is-*sale* li jkun sar lill-klijent ikun irreġistrat fuqu u mhux fuqha, iżda sabiex wieħed jimxi b'mod ġust, il-*commission* xorta waħda teħodha hi. Fir-rigward ta' messaġġi ppreżentati fl-atti li kienu jirrigwardaw żewġ klijenti, ix-xhud ikkonferma li kien hu li tħallas il-

*commission* rigward il-klijent Emmanuel Camilleri iżda kienet hi (l-attriċi) li tħallset il-*commission* rigward klijenta ċertu Josephine.

**Joseph Vella**, *sales manager* fi ħdan Lifestar, xehed dwar il-proċess ta' reklutaġġ u qal li matul l-intervisti, ġie spjegat lill-attriċi li jekk persuna titlaq mis-servizz tagħhom qabel għeluq sena minn meta tikseb il-liċenzja *qua* TII ikollha tħallas ċertu ammonti lil Lifestar. Huwa qal li it-taħriġ tal-attriċi dam l-aktar forsi xahar u tlett ġimgħat.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk it-taħriġ damx ferm aktar minn xahar u nofs u ċertu affarijiet ma setgħux isiru billi hu (ix-xhud stess) kien indispost għal perjodu twil, ix-xhud ma setax iwieġeb.

Meta reġa' xehed in eżami f'seduta sussegwenti, Vella qal li kellu dokument ġeneriku li joħroġ għal kull aġent li jindika t-*targets* għall-aġent. F'seduta oħra, mbagħad, Vella ppreżenta t-*training logs* li jindikaw erbgħin siegħa taħriġ bejn l-4 ta' Novembru 2019 u d-29 ta' Novembru 2019.

Ġie ppreżentat affidavit ta' **Enrico Depasquale**, li huwa *compliance manager* fi ħdan Lifestar kif ukoll *money laundering reporting officer* (MLRO). Huwa qal li fis-17 ta' Diċembru 2019 ġew mgħoddija lilu d-dettalji personali tal-attriċi. Imbagħad, fil-11 ta' Mejju 2020, id-dipartiment tal-finanzi ta' Lifestar għadda ċekk ta' €300 sabiex Lifestar tapplika f'isem l-attriċi għal liċenza ta' TII. L-applikazzjoni ntbagħtet dakinhar stess, jiġifieri fil-11 ta' Mejju 2020. Fl-4 ta' Ġunju 2020 huwa ġie nfurmat li kellu jwaqqaf il-proċess tal-applikazzjoni billi l-attriċi kienet ser tirriżenja.

In kontro-eżami, ix-xhud spjega t-taħriġ li jsir u spjega li dan idum madwar xahar, imbagħad xahar taħriġ ulterjuri fuq prodotti ta' Lifestar, imbagħad xahar ieħor bħala *job shadowing*. Ix-xhud ma ċaħadx li Lifestar damet ħames xhur biex tapplika għall-liċenzja u qal li d-dokumenti waslu għandu wara ħames xhur. Ix-xhud qal li filwaqt li seta' kien il-każ li l-attriċi għaddietlu d-dokumenti personalment, ħafna drabi jkun is-*sales manager* li jgħaddilu d-dokumenti tal-aġent prospettiv, li f'dak il-każ kien Joseph Vella. Depasquale qal ċar li l-irwol tiegħu ma kienx li jiġbor id-dokumenti mingħand l-impjegati iżda li jirċevihom. Kien is-*sales manager* li jitlob id-dokumenti lill-impjegati.

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

It-Tribunal jibda billi josserva li fl-Avviż tat-Talba, l-attriċi titlob li Lifestar tkun ikkundannata tħallasha €3,000 rappreżentanti *allowances* u *commissions* għal *realised business* għall-perjodu li fih hija tat servizzi lil Lifestar. Il-qoxra tal-Avviż tat-Talba tindika l-perjodu bħala "*2019 – 2020*".

L-attriċi stess, fl-Avviż tat-Talba, torbot l-*allowances* u l-*commissions* allegatament dovuti lilha mal-asserzjoni tagħha li kien hemm *realised business*, ċioè bejgħ ta' prodotti ta' Lifestar minnha lill-klijenti, liema bejgħ sar bil-ħidma tagħha. Għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, jinkombi fuq l-attriċi li ġġib prova tar-*realised business*.

L-attriċi ppreżentat affidavit li fih ilmentat dwar diversi aspetti tax-xogħol tagħha ma' Lifestar iżda f'ebda punt ma ġabet prova tal-allegat *realised business*. Ma spjegatx imqar darba li ltaqgħet ma' ċertu klijent jew ċerti klijenti u attwalment biegħet lilhom prodotti ta' Lifestar, u dan nonostante li hija xehdet li kienet taħdem sigħat twal. It-Tribunal iżid jgħid li billi mhuwiex ikkontestat li l-attriċi qatt ma attwalment kisbet f'idejha liċenzja biex taħdem bħala TII, huwa

ovvju li ma setax ikun hemm *realised business* li sar esklussivament jew fil-maġġor parti tiegħu bl-isforzi tagħha.

Għad li l-attriċi ma kellhiex liċenzja biex taħdem bħala TII, huwa ċar mill-provi li hija kienet takkumpanja diversi aġenti ta' Lifestar u ġieli anki lil xi superjuri tagħha meta jiltaqgħu mal-klijenti. Minkejja dan, m'hemmx provi ċari u sodisfaċenti dwar liema appuntamenti ma' liema klijenti saru bil-ħidma speċifika tagħha u x'kien ir-riżultat ta' dawk l-appuntamenti. Essenzjalment, l-attriċi tgħid li ħadmet u li ħadmet ħafna iżda ma spjegatx x'kien il-frott tal-ħidma tagħha u lanqas ikkwantifikat il-ħidma tagħha. It-Tribunal jirreferi għall-messaġġi esebiti a fol. 63 u 64 tal-proċess u josserva li huwa impossibbli li bejn Novembru 2019 u Ġunju 2020 l-attriċi ħadmet biss fuq żewġ klijenti, jiġifieri ċertu "Manuel" u ċerta "Josephine". Minkejja dan, hija ma ppreżentat ebda prova ta' xogħol ieħor li għamlet. It-Tribunal jiċċara li mhuwiex qiegħed jgħid li l-attriċi ma għamlet ebda xogħol, iżda qiegħed biss jgħid li ma ppreżentatx provi konkreti ta' xogħol attwali li għamlet u li ma kkwantifikatx ix-xogħol li għamlet. Fi kliem ieħor, hija ma spjegatx kif waslet għall-ammont ta' €3,000 minnha mitlub (li hija tgħid kien paga dovuta lilha għal Mejju 2020).

Jirriżulta li l-attriċi qed tistrieħ fuq l-*e-mail* li jinsab a fol. 33 tal-atti. F'din l-*e-mail*, datata 17 ta' Ġunju 2020, Chris Chetcuti jinforma lill-attriċi li hija għandha tieħu elfejn Ewro (intestati "*BCT allowance*" u "*TII allowance*" filwaqt li aktar 'l isfel jgħidilha: "*If policies submitted and or referred by you are issued by end of June, you should also be entitled to another €1000 allowance.*"

Billi fil-fehma tat-Tribunal ma jirriżultax mill-atti li kien hemm "*...policies submitted and or referred by you are issued by end of June*", ma jirriżultax li dan l-ammont ulterjuri ta' elf Ewro (€1,000) huwa dovut lill-attriċi, u speċjalment ladarba hija ħadmet inqas minn ġimgħa fix-xahar ta' Ġunju 2020.

Dwar ammonti li tħallsu lill-attriċi, it-Tribunal jirreferi b'mod partikolari għad-dokument JC1 a fol. 50 tal-proċess. Dan jindika li oltre €1,000 li rċeviet f'Novembru 2019, l-attriċi rċeviet €10,716 bejn Diċembru 2019 u April 2020. L-attriċi ma kkontestat dan id-dokument b'ebda mod, u inoltre, fl-affidavit tagħha ma spjegatx x'ammonti kienu diġà tħallsu lilha. Anzi, fl-affidavit tagħha, pjuttost donnha riedet tagħti l-impressjoni li ħadmet sigħat twal fuq medda ta' xhur mingħajr ma rċeviet kumpens. Jekk inhu hekk, l-attriċi fetħet din il-kawża sempliċiment abbażi ta' flejjes allegatament dovuti lilha li hija tgħid ma tħallsitx, għall-perjodu bejn l-aħħar ta' April 2020 u s-6 ta' Ġunju 2020, jiġifieri medda ta' ftit aktar minn xahar.

*Detto ciò*, it-Tribunal madankollu jqis għalhekk li *siccome* l-attriċi qed tistrieħ fuq l-*e-mail* li jinsab a fol. 33 tal-atti u ladarba dan l-*e-mail* mhuwiex ikkontestat minn Lifestar, l-attriċi timmerita li tieħu l-ammont ta' elfejn Ewro. Lifestar, bħala kumpanija privata li l-funzjoni ewlenija tagħha hija li tiġġenera profitt, ċertament ma kinitx ser tibgħat dak l-*e-mail* lill-attriċi li permezz tiegħu taċċetta li għandha tagħti lill-attriċi elfejn Ewro (€2,000) jekk l-attriċi ma kinitx timmerita dan.

Min-naħa l-oħra, it-Tribunal ma jistax jonqos li jikkummenta kif jista' jkun li ftehim li jirregola x-xogħol ta' TII bejn Lifestar u l-intermedjarji tagħha ma jkunx irregolat b'kuntratt bil-miktub. Fin-nuqqas ta' kuntratt bil-miktub, l-*allowances* u l-*commissions* u l-affarijiet kollha li tqajmu f'din il-kawża huma pjuttost fl-arja. Pereżempju, ħadd mill-partijiet ma spjega kif tiġi kkalkulata *commission* bħala persentaġġ tal-flus iġġenerati mill-bejgħ li jkun sar lill-klijent. Bl-istess mod, għalkemm ġiet esebita prova tal-iskala tal-*allowances* li mid-dehra daħlet fis-seħħ xi darba fis-

sena 2020, ħadd ma xehed dwar kif ġiet imfassla dik l-iskala. It-Tribunal ma jistax jifhem kif id-diriġenti ta' Lifestar kienu tant insistenti li f'kull intervista dejjem qalu li min ikun ser jidħol magħhom ikun avżat li jrid jirrifondi lil Lifestar ċerti ammonti jekk idum inqas minn sena magħhom meta lanqas biss hemm prova li din hija xi *policy* miktuba iswed fuq l-abjad. Jekk, skont ix-xhud Joseph Vella (ara fol. 74 *a tergo*) qal li din l-ispjegazzjoni ilha tingħata fl-intervisti għal erba' snin u *"it's never been missed"*, din messha saret bil-miktub. Jekk ma sarx kuntratt, xi ħaġa tant importanti bħal din messha tniżżlet f'xi *policy* miktuba u messu nżamm xi *record* li kopja tal-*policy* tkun intbagħtet jew ingħatat lill-aġent prospettiv qabel jibda x-xogħol ma' Lifestar jew eżattament kif jibda x-xogħol.

Meta t-Tribunal iqabbel dan li ntqal mid-diversi ħaddiema ta' Lifestar li xehdu mad-dikjarazzjoni ċarissima tal-attriċi – ċioè li mhux li ma kinitx tiftakar jekk dan id-diskors intqalx lilha, iżda li assolutament u definittivament ma sarx – it-Tribunal huwa ferm aktar propens li jemmen lill-attriċi. Waħda mir-raġunijiet prinċipali għal dan hija li filwaqt li d-diriġenti ta' Lifestar jikkonduċu possibilment għexieren ta' intervisti f'sena u aktarx ma jiftakrux il-kontenut ta' kull intervista, l-attriċi għexet u allura tiftakar biss l-intervista tagħha. Inoltre, it-Tribunal itenni li mhuwiex aċċettabbli li parti f'kawża ssostni kontrotalba ta' dik ix-xorta billi tinsisti fuq il-prassi tagħha u fuq dak li ntqal jew ma ntqalx mingħajr ma jkun hemm imqar l-iċken dokument in sostenn ta' dik il-pretensjoni. Għalhekk, it-Tribunal mhuwiex tal-fehma li l-kontrotalba għandha tkun milqugħa.

## **Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

i. Jilqa' t-talbiet tal-attriċi limitatament għall-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lill-attriċi s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) bl-imgħax kalkulabbli b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi u dekorribbli mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali numru 1124/2020 (li tinsab a fol. 4 u fol. 5), flimkien mal-ispejjeż ta' dik l-ittra uffiċjali;

ii. Jiċħad il-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu fil-proporzjon ta' kwart (¼) mill-attriċi u tlett kwarti (¾) mis-soċjetà konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**